# Il-Festi Tagħna fl-Imgħoddi



*Dun Vince Fenech*

Meta nsemmu l-kelma ***festi*** llum, l-ewwel li jiġu f'moħħna huma ċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra: armar, tiżjin, marċi, briju, logħob tan-nar, murtali, u l-bqija, u ftit li xejn jiġu f'moħħna ċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi li jsiru fil-Knisja. Fl-imgħoddi ma kienx hekk.

Prinċiparjament fl-imgħoddi l-festa kienet tikkonsisti fiċ-ċelebrazzjonijiet li kienu jsiru fil-knisja fil-ġranet tal-kwindiċina u tat-tridu, bil-kant tal-vespri bil-Latin, bil-priedki, bit-translazzjoni, bil-paniġierku, bl-orkestra, bid-daqq ta' l-Antifona u innijiet liturġiċi, u l-Benedizzjoni.....Dawn kienu jsiru bil-wisq aktar solenni minn kif jiġu ċċelebrati llum.

Fl-imgħoddi l-poplu tagħna kien nieqes mill-mezzi ta' komunikazzjoni u għalhekk biex jisma' xi biċċa mużikali kienet trid tasal il-festa. Allura, arah fl-aħħar tlett ijiem ta' tħejjija għall-festa – fit-Tridu – jimla l-Knejjes l-ewwel nett biex jisma' l-priedki li kienu jsiru u t-tieni nett biex jisma' l-mużika li kienet tindaqq f'dawn il-ġranet. Bis-saħħa ta' hekk inkitbet ħafna mużika minn kompożituri Maltin famużi, li kienet tikkonsisti fil-kompożizzjoni ta' salmi, responsorji, antifoni, u partijiet oħra li kienu jintużaw fil-Liturġija ta' dawk iż-żminijiet ta' qabel il-Konċilju. Fost dawn il-kompożituri Maltin insibu lis-Surmastrijiet Paolino Vassallo, Paolo Nani, Vincenzo Bugeja, Carlo Diacono, u oħrajn. Fil-parroċċa ta' Ħal Safi l-orkestra ilha tinġieb għall-funzjonijiet tal-festa għal bosta snin. Fl-1848 diġà kienet qed tiġi orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Paolo Nani LL.D. imbagħad meta daħal sew fl-għomor hu ċeda postu lil ibnu Anton Nani fl-1910 sakemm fl-1930 mess lil Mro. Paolino Nani. Waħda mix-xogħlijiet tiegħu u li tindaqq fil-festa, hija propriju l-Antifona tassew sabiħa ta' San Pawl.

L-atmosfera fil-knisja kienet tkun mill-isbaħ. Il-ħitan jinksew kollha bid-damask, l-artali jintramaw b'gandlieri u appostli tal-fidda, bi trieħi tal-bellus bir-rakkmu tad-deheb, bi fjuretti f'gastri ta' l-avorju, jiddendlu l-lampieri tal-fidda, it-tużell, il-front altari, u tapiti mill-isbaħ..... u qabel id-dawl elettriku, xemgħat impittra u oħrajn mhumiex jinxtegħlu fuq l-artali u f'kandelabri u fil-linef. L-art tal-knisja, billi ma kinitx bl-irħam, kienet tinkesa bil-weraq tar-rand, tal-liedna u ta' ħxejjex aromatiċi.

Il-funzjoni prinċipali ta' lejlet il-festa kienet minn dejjem it-Translazzjoni bir-relikwa mqaddsa. Din il-funzjoni tiftaħ il-festa u tkun tikkonsisti f'purċissjoni bir-relikwa mqaddsa, jew minn xi knisja żgħira oħra fil-qrib għall-knisja parrokkjali jew fl-istess knisja, waqt li l-orkestra tesegwixxi l-vespri – il-kant tas-Salmi ta' l-Għasar, l-Antifona, it-Tantum Ergo, u l-Innu Liturġiku tat-Titular.

Imbagħad f'jum il-festa l-knejjes kienu jiftħu kmieni ħafna, madwar l-erbgħa ta' filgħodu, u wara d-daqq tal-*Pater Noster* jibdew il-moti bil-qniepen. Dawn il-moti kienu jistiednu lin-nies għall-kant tal-Matutin u tal-Laudi, li fihom kienu jitkantaw numru ta' Salmi.

Il-qofol tal-festa kienet minn dejjem il-quddiesa kantata li fiha xi predikatur magħruf kien jinseġ il-paniġierku, priedka twila ta' madwar siegħa dwar il-qaddis. Din kienet issir minn fuq il-pulptu. Qabel l-offertorju ċ-ċelebrant kien joqgħod bilwieqfa f'nofs it-taraġ ta' l-artal, iżomm l-ostensorju bir-relikwa f'idu u l-kleru u l-abbatini kienu jitilgħu jbusu r-relikwa waqt id-daqq ta' l-Antifona. F'jum il-festa fil-għaxija mbagħad issir il-purċissjoni fit-toroq tar-raħal.

Hawn ta' min jgħid li bażikament hemm tliet tipi ta' purċissjoni: a) il-purċissjoni votiva, (b) il-purċissjoni rogazzjonali, u (ċ) il-purċissjoni devozzjonali.

- Il-*purċissjoni votiva* kienet ringrazzjament għal xi wegħda jew grazzja maqlugħa mingħand Alla. Hekk insibu, per eżempju, il-purċissjoni ta' San Girgor li kienet titlaq mill-Imdina għaż-Żejtun.
- Fil-*purċissjoni rogazzjonali* kien isir talb lil Alla biex jaqlgħalhom xi grazzja, ngħidu aħna jbiegħed il-mard, għax-xita, u l-bqija.
- Fl-aħħar insibu l-*purċissjonijiet devozzjonali* li kif juri isimhom huma purċissjonijiet ta' devozzjoni lejn xi qaddis. Dawn huma l-aktar popolari. Interessanti li barra minn Corpus, l-akbar purċissjonijiet devozzjonali kienu jsiru ad unur tal-Madonna, fosthom dik tad-Duluri. Fil-fatt dawn il-purċissjonijiet kienu jsiru qabel dawk titulari.

Fl-imgħoddi, il-purċissjonijiet kienu jsiru bir-relikwa biss. Anki f'Ħal Safi kien isir hekk, difatti l-ewwel purċissjoni li saret bir-relikwa ta' San Pawl kienet fl-1732, u baqa' jsir hekk sa l-1840. Iżda mbagħad bdew isiru l-istatwi u dawn ħadu l-importanza tar-relikwa. F'ħafna mill-purċissjonijiet l-istatwa kienet tinġarr fl-aħħar tal-purċissjoni, iżda f'oħrajn l-istatwa kienet timxi fin-nofs wara l-fratellanzi. Insibu wkoll li xi nies kienu

jimxu wara l-istatwa u jitolbu r-rużarju u xi talb ieħor. L-għeluq tal-festa kien ikun dejjem bil-Barka Sagramentali bil-kant liturġiku u l-Antifona u l-Innu Titulari esegwiti bl-orkestra.

Mela l-festi kif nafuhom illum kellhom ħafna iktar enfasi reliġjuża u devozzjonali. Ma rridux ninsew li l-poplu tagħna fl-imgħoddi, fil-biċċa l-kbira tiegħu kien poplu fqir, imma kien ħafna iktar tal-knisja/reliġjuż. U wkoll il-knisja kienet kważi l-uniku post fejn kienu jmorru. Kien żmien meta l-anqas id-dawl elettriku ma kien għadu wasal Malta u meta wasal dam ma tqassam fuq is-sistema li għandna llum. Għall-mixegħla kienu jintramaw tazzi taż-żejt li kienu jiddendlu mal-faċċata tal-knisja. Anki fil-festa ta' Ħal Safi kienet issir il-mixegħla bit-tazzi taż-żejt. Kemm il-koppla kif ukoll il-faċċata tal-knisja kienu jiddawlu b'dan il-mod. Fis-sena 1895 intużaw 1700 tazza!

Il-popolarità tal-festi esterni kellha tbiddel is-sens veru ta' dawn il-festi. Hekk, per ezempju, il-festi tax-xitwa dawruhom għas-sajf biex jirnexxu aktar. Fosthom insibu l-parroċċa ta' Ħal Safi wkoll. Dan sar fi żmien il-parrokat ta' Dun Bert Bezzina. Flok f'Jannar il-festa ġiet trasferita għas-sajf, sewwa sew fit-30 ta' Ġunju 1960. U mis-sena ta' wara l-festa ġiet stabbilita li ssir dejjem fl-aħħar Ħadd ta' Awissu.

Illum il-festi esterni qed ikunu mfittxa aktar minn dawk ta' ġewwa l-knisja. Ir-raġunijiet huma ħafna u varji. Fost il-ħafna jissemmew in-nuqqas ta' fidi, il-briju, il-marċi, l-ispettaklu fil-logħob tan-nar, murtali u serati, u l-bqija. U xi ngħidu għat-turisti li jiġu fostna mxennqa għal dak li toffrilhom il-festa Maltija? Id-dnub hu li dak li hu s-sinifikat ewlieni ta' kull festa, iċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi, sejrin dejjem aktar għan-niżla.

Tkellimna fuq il-festi u l-purċissjonijiet u jonqos ngħidu xi ħaġa dwar l-istatwi. Fl-imgħoddi l-istatwi titulari kif nafuhom illum ftit li xejn kien hawn u għalhekk kienu jinqdew b'xi kwadru devot. Fl-irħula qodma fetaħ it-triq San Nikola fis-Siġġiewi meta fl-1736 Pietru Felici naqqax statwa fl-injam u wara fl-1741 l-istess skultur għamel dik ta' San Ġorġ għal Ħal Qormi. Santa Marija tal-Gudja, xogħol ta' Vincenzo Dimech, saret fl-1807. Sena wara, Mariano Gerada għamel l-istatwa ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq. Inżidu lil Xandru Farrugia li fl-1829 għamel l-istatwa ta' l-Annunzjata fl-injam għal Ħal Tarxien u fl-1840 ħareġ b'dak il-ġmiel ta' statwa ta' San Pawl għall-parroċċa ta' Ħal Safi.

L-istatwi kienu kollha jinħadmu fl-injam għax ix-xogħol tal-kartapesta kien għadu ma daħalx. Iż-Żebbuġin kisru t-tradizzjoni meta fl-1863 it-Taljan Luigi Fontana ħadmilhom statwa tal-fidda mastizz. Hekk kif dejjem jagħmel il-Malti, beda jdawwar ħarstu lejn xogħol barrani, l-aktar lejn dak Spanjol, Franċiż u Taljan. Bdew ukoll jinduraw l-istatwi b'induratura l-aktar rikka biex aktar isebbħuhom. Għamlu hekk ukoll il-Ħalsafin fi żmien il-Kappillan Degabriele għall-festa ta' l-1891 meta tqabbad Francesco Coleiro miż-Żurrieq sabiex jindura l-istatwa ta' San Pawl. Imbagħad daħal iż-żmien tal-kartapesta. Statwi eħfef, sbieħ fid-daqqa t'għajn u orħos. Hawn daħal fix-xena Karlu Darmanin u x-xogħol imsemmi tas-Salvatur ta' Ħal Lija u ta' San Ġiljan għall-parroċċa ta' San Ġiljan li nħadem fl-1893.

Il-festi huma parti mit-tradizzjonijiet sbieħ tagħna u jinħtieġ li nibqgħu ngħożżuhom. Għalkemm iċ-ċelebrazzjonijiet esterni bħalma huma t-tiżjin, il-baned u anki l-logħob tan-nar jibqgħu parti integrali u sabiħa mill-festa, però ċ-ċentru tal-festa għandu jibqa' dejjem dak reliġjuż. Permezz ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet aħna l-Maltin għandna okkażjoni li nwasslu l-messaġġ Nisrani lil dawk il-barranin li bi ħġarhom jiġu jieħdu sehem fil-festi tagħna. Dan jista' jsir biss jekk inneħħu mill-festi tagħna dawk l-affarijiet kollha li qed ibegħduna minn dak li hu s-sinifikat tal-festa reliġjuża u jeħodna dejjem iżjed lejn dak li hu profan.

**Referenzi:**

AP Safi, *Conto della Parrocchiale di Casal Safi 1726*; Callus Paul, *Hal Safi* (1998 - Malta); Faurè G., *Storja ta' Malta u Għawdex* (1913 - Malta); Grech Joseph, *Vari ta' Malta u Għawdex* (1981 - Malta); Guillaumier Alfred, *Bliet u Rħula Maltin* (1972 - Malta); Micallef J., *L-Istorja ta' Ħal Safi* (1980 - Malta); Vella A. P., *Storja ta' Malta* Vol I, u Vol II (1979, 1984 - Malta); Kittieba Diversi, *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom* Vol I (1993 - Malta).

Il-Kumitat jirringrazzja lil kull min jagħti offerti sabiex ikollna festa sabiħa f'ġieħ il-Patrun tagħna San Pawl